# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum Il-Ħamis, 26 ta' Ottubru 2017**

**Avviż Numru: 71/2000 PC**

**Emanuel Saliba**

**vs**

**Geswalda Saliba**

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-attur talab lill-konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex tiġi kkundannata tħallsu s-somma ta' erba' mija u tnejn u erbgħin lira maltija u għoxrin ċenteżmu (Lm442.40ċ), rappreżentanti spejjeż minfuqa mill-attur fl-interess u għall-benefiċċju tiegħek in segwitu għal kuntratt ta' separazzjoni personali bejnietkom pubblikat fit-22 ta' Jannar 2000, u konsistenzi fi spejjeż t' electrician, plumbing, ħlas lill-Perit Edward Scerri, lil Enemalta Corporation, lil Water Services Corporation; kif ukoll l-interessi fuq din l-istess somma b'effett mit-30 ta' Awwissu 2000 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali tat-30 ta' Awwissu 2000, u tal-ittra interpellatorja tal-11 ta' Awwissu 2000, kontra tiegħek.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti inġunt.

Rat il-verbal tal-udjenza  tad-9 ta' Frar 2001 fejn Dr. Anton Refalo għall-konvenuta eċċepixxa illi "*t-talbiet huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dan peress li hija ma għandha x'tagħti xejn lill-attur kif jigi ampjament pruvat waqt is-smiegħ tal-avviż, salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.*"[1]

[1] A fol. 5 tal-proċess

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Frar 2007 fejn innominat lill-A.I.C. Guido Vella sabiex wara li jara x-xogħolijiet msemmija mill-partijiet, jirrelata verbalment fl-udjenza li jmiss dwar il-ġustifikazzjoni tal-ispejjeż minfuqa.

Rat il-verbal tal-aċċess miżmum mill-A.I.C. Vella fis-6 ta' Ġunju 2007 in esekuzzjoni tal-inkarigu tiegħu, u d-dokumenti annessi.[2]

Innotat li madankollu l-A.I.C. Vella baqa' qatt ma rrelata.

Rat id-digiret tagħha tas-27 ta' Frar 2009 fejn innominat lill-A.I.C. Alex Bigeni sabiex jirrelata dwar it-talbiet rispettivi tal-partijiet.[3]

Rat ir-rapport tal-A.I.C. Bigeni tal-15 ta' Frar 2012.

Semgħet lill-A.I.C. Bigeni jixhed ukoll in eskussjoni.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Ġunju 2017 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti tal-Ossevazzjonijet rispettivi tal-partijiet.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inkluż il-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob mingħand il-konvenuta s-somma ndikata fl-Avviż rappresentanti s-sehem tagħha minn flus li jgħid li ħareġ hu in konnessjoni mad-diviżjoni fiżika tad-dar residenzjali tagħhom f'żewġ fondi, skont ma kienu ftehmu fil-kuntratt ta' separazzjoni tagħhom tat-22 ta' Jannar 2000.[4] Il-konvenuta tiċħad li għad fadlilha tagħti xi ħaġa lill-attur in konnessjoni ma' din id-diviżjoni.

Il-parti rilevanti ta' dan il-kuntratt li tolqot il-materja in kwistjoni taqra hekk:

"3. *Emanuel Saliba qieghed jobbliga ruhu illi jibni l-hajt divizorju bejn iz-zewg porzjonijiet fit-tul tal-bini ezistenti, u l-gholi taz-zewg sulari ezistenti. Ghandu ukoll a spejjez tieghu jibni u jsaqqaf kamra tas-sodda daqs l-izghar wahda gia ezistenti fid-dar fuq it-terrazzin ta' wara, u jlesti l-parti li qeghda tigi assenjata lil Geswalda Saliba inkluz tpoggija ta' madum, tikhil, dawl u ilma, tibjid, u twahhil ta' aperturi fejn mehtieg. Emanuel Saliba ghandu ukoll jaghmel a spejjez tieghu dawk ix-xogholijiet necessarji sabiex jekk jidhirlu opportun jaqta' s-servitujiet u komunikazzjonijiet kollha ezistenti bejn kull parti rispettiva. Ghandhom ukoll jigu*

[2] Dok. GV 1 a fol. 28 - 55 tal-proċess
[3] Dan in vista tal-fatt li l-konvenuta għamlet talbiet relatati fil-konfront tal-attur presenti f'kawża oħra (Avviż Nru. 42/2001 quddiem din il-Qorti wkoll)
[4] Ara kopja ta' dan il-kuntratt, esebita a fol. 39 – 46 tal-proċess

*stallati meters tad-dawl u tal-ilma separati ghal kull porzjoni. L-ispejjez necessarji sabiex jigu stallati tali meters ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.*

*4. Dan ix-xoghol kollu ghandu jsir taht is-supervizjoni tal-Perit Edward Scerri, illi qieghed jigi nkarigat ghal dan l-iskop mill-partijiet. L-istess Perit ghandu, meta x-xogholijiet ikunu tlestew, jirrilaxxja certifikat li jikkonfema li Geswalda Saliba tkun tista' tmur tabita fil-parti assenjata lilha."* [5]

Fl-affidavit tiegħu l-attur jispjega kif wasal biex jitlob iċ-ċifra ndikata fl-Avviż, li jsostni li hija dovuta mill-konvenuta bħala sehemha mill-ispejjeż inkorsi skont il-kuntratt ta' separazzjoni. Jesebixxi żewġ kontijiet tal-*electrician* li ġie nkarigat biex jagħmel l-istallazzjoni tal-*meters* meħtieġa u s-separazzjoni tas-servizzi tad-dawl u l-ilma fid-diviżjoni tad-dar tagħhom f'żewġ *units*.[6] Dawn laħħqu Lm628.25 flimkien. Il-perit tekniku l-A.I.C Bigeni jgħid li ma jistax jikkonstata jekk il-kont Dok. A jirreferix għas-separazzjoni tas-sistemi ta' dawn is-servizzi.[7] Madankollu, apparti l-fatt li dan il-kont jinkludi *features* relatati ma' stallazzjoni ta' *meter*, l-*electrician* li għamel ix-xogħol, **Raymond Fenech** ikkonferma li dawn iż-żewġ kontijiet jirreferu għas-separazzjoni tas-sistema eżisteni fid-dar residenzjali tal-partijiet f'żewġ sistemi ndipendenti minn xulxin.[8] Il-konvenuta baqgħet issostni li hija kienet ħallest Lm70 lill-attur tal-*meter* tad-dawl li ġie nstallat fil-parti li messet lilha minn din id-dar fuq insistenza tiegħu, għax inkellha ma kienx ser isir.[9] Fuq din l-asserzjoni l-attur baqa' ma qal xejn, u l-Qorti, fiċ-ċirkostanzi, tqis il-verżjoni tal-konvenuta bħala waħda kredibbli. Għalhekk jekk dawn is-Lm70 jiġu mnaqqsa minn dawn il-kontijiet, jiġi li l-konvenuta trid tħallas nofs ir-rimanenti u ċioe': **Lm279.125.**

L-attur qed jirreklma wkoll nofs l-onorarju ta' Lm155.25 dovut lill-A.I.C. Edward Scerri li kien inkarigat biex jissorvelja x-xogħolijiet konnessi mad-diviżjoni tal-fond.[10] Kif rajna, fil-kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet kienu ftehmu li jinkarigaw lill-perit Scerri biex dan ix-xogħol isir taħt is-superviżjoni tiegħu. Għalhekk ġialadaba l-perit ġie nkarigat mit-tnejn li huma, jridu jaqsmu l-ispiża relattiva. L-attur jitlob ukoll nofs l-onorarju ta' Lm69 tal-istess perit għal rapport li kien għamel fil-kawża tas-separazzjoni. A tenur tal-kuntratt ta' separazzjoni, l-"*spejjez ta' dan il-kuntratt u tal-proceduri gudizzjarji pendenti bejn il-partijiet jithallsu bin-nofs bejniethom.*"[11] Il-konvenuta ma ċaħditx li kien hemm dawn l-ispejjeż, u allura hija tenuta tirrifondi nofs dan l-ammont ukoll. Għalhekk, hu dovut f'dan ir-rigward: **Lm112.125.**

---

[5] Ara din il-parti tal-kuntratt a fol. 43 tal-proċess
[6] Ara Dokti. A u B a fol. 10, 11 tal-proċess
[7] Ara rapport tiegħu a fol. 82
[8] Ara deposizzjoni tiegħu a fol. 124 - 130
[9] Ara deposizzjoni tagħha a fol. 162
[10] Ara Dok. C a fol. 12
[11] Ara kopja tal-kuntratt a fol. 44 tal-proċess

L-attur jippretendi wkoll Lm16 għal żewġ '*points*' żejda li saru fil-parti tagħha tad-dar u li ma kienux inklużi fil-ftehim. Pero' dwar dan ma tressqu ebda provi, u għalhekk mhumiex dovuti.

Għaldaqstant mill-ammont mitlub mill-attur, huma dovuti lilu: Lm279.125 + Lm112.125 = **Lm391.25** biss. Minkejja li l-attur għandu dritt jiġbor inqas minn dak mitlub, l-imgħaxijiet huma dovuti sa mid-data meta l-konvenuta ġiet interpellata ġudizjarjament.[12]

Għalhekk tiddeċidi l-kawża billi tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' Lm391.25, li fi flus tal-lum iġibu disa' mija u ħdax il-euro u sitta u tletin ċenteżmu (€911.36ċ), bl-interessi relattivi mit-30 ta' Awwissu 2000, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, għandhom jiġu ssoportati kwantu għal seba' minn tmien partijiet (7/8) mill-konvenuta u l-bqija mill-attur stess.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

26.10.2017 – Inf71.2000 – Saliba Emanuel vs Saliba Geswalda
1120

[12] Ara f'dan ir-rigward is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża: Fogg Insurance Agency Limited noe. vs Paul Tabone: 17.02.2003, fejn ġie ribadit li: "*Fuq l-aggravju ta' l-interessi u d-dekorriment tagħhom il-Qorti tinnota li fil-korp ta' l-avviż l-atturi talbu somma determinata u speċifika. Jirriżulta li l-atturi nterpellaw ġudizzjarjament lill-konvenut għall-ħlas tagħha in sodisfazzjoni tad-danni pretizi. Dan jibbasta biex l-ammont reklamat jibda jattira l-interessi (" O'Connor vs Bruno Olivier' a vol.XVI p.1.p84). Il-fatt li l-Qorti rreduċiet l-ammont ma jfissirx li l-interessi ma jibdewx ukoll jgħaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta*."